**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

# 8 LEĠIŻLATURA

# Laqgħa Numru 45

**It-Tlieta, 11 ta' Jannar, 2022**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sindku, permezz tas-sistema onlajn, fil-ħamsa ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Sindku (ċerman) |
| Is Sa Josette Busuttil (JBD) | Viċi Sindku |
| Is Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsilliera |
| Is Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is Sur Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku: NIL

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsilliera |
| Is Sur Joseph Farrugia (JF) | Kunsillier |
| Is Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

**ASSENTI:**

NIL

**UFFIĊJALI PRESENTI:**

Is Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ppresieda.

Is-Sindku informa, li minħabba s-sitwazzjoni preżenti, bil-pandemija, il-Kunsill iddeċieda li din is-seduta ssir onlajn.

## 45.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

45.01.01 **(**SE) informat lil Kunsill li rċievit l-ittri t'apoloġija, mingħand il-kunsilliera (JF), (JB) u (MM). Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet, u approvahom.

## 45.02 Approvazzjoni tal-Minuti (numru 44)

45.02.01 (AC) irrimarka li f' punt (44.02.03) tal-Minuti tal-aħħar seduta, (SZ) kien qajjem il-punt li hu kien astjena, minħabba li fis-seduta preċidenti, ma kienx preżenti fis-seduta ta' qabel. (AC) sostna li l-kliem eżatt irid jiġi jaqra: "Wieħed astjena, peress li fis-seduta preċidenti, kien assenti".

45.02.02 (AC) irrimarka li fil-Minuti, kellu jiġi mniżżel il-ħin, li hu kien telaq kmieni, mil-laqgħa. (SE) qablet u kkonfermat li (AC) kien telaq fis-sitta nieqes kwart u li kienet ser iżida fil-Minuti.

<u>Prop (JBD)</u> <u>Sek (SZ)</u>

## 45.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

45.03.01 (SC) staqsa jekk kienx hemm xi punti biex jitressqu fuq l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash. Ħadd mill-membri preżenti ma kellu l-ebda oġġezzjoni, u għaldaqstant kemm l-iskema tal-pagamenti, kif ukoll il-petty cash, ġew approvati mill-Kunsill.

<u>Prop (AC)</u> <u>Sek (CS)</u>

## 45.04 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

1. Office Cleaning Service – (SC) Minn erba' kwotazzjonijiet, issuġġerixxa li mmorru għall-orħos waħda. (SE) irrimarkat li din il-kwotazzjoni relatata mal-kuntrattur li diġà għandu tender fil-Kunsill, bħala 'Handyman'. Madankollu, (SE) staqsiet, jekk tistax tkun familjari ta' dan il-persuna u tuża' l-istess numru tal VAT. (SC) qal li ma għandiex tkun problema peress li dawn huma żewġ affarijiet differenti u li hu importanti li jkun bniedem ta' fiduċja u mhux ikun hemm ħafna jdejn, minħabba li fl-uffiċini jkun hemm affarijiet kunfidenzjali. (SZ) qal li għanda issir verifika jekk fuq l-orħos kwotazzjoni hemmx inkluż il-VAT. (SC) qabel biex tiġi vverifikata din tal-VAT u fil-kas immorru għall-orħos kwotazzjoni mmarkata bħala (Ċ).

2. Bandla – Profs. Anton Vassallo Park – (SC) minn ħames (5) rikjesti għall-kwotazzjonijiet, irrispondew żewġ (2) kumpaniji: waħda mill-bandli bl-isem ta' Jandaia, hija l-orħos u adattata għar-rikjesta mitluba. (SE) staqsiet rigward kienx hemm xi risporta mingħand Infrastructure (Malta), dwar il-proġett. (SC) irrisponda li ma kienx hemm risposta, u jekk ikun hemm, il-bandla tista' tintuża f'post ieħor, bħal tal-Papa jew il-Qajjenza. Il-Kunsillieri qablu ma' kwotazzjoni (A) Jandaia.

3. Cat Feeder Fences – (SC) Kien hemm rikjesta għal disgħa kwotazzjonijiet, fejn irrispondew tliet fornituri, biss. Erbgħa ma rrispondewx, waqt li tnejn ma jiprovdux dan il-prodott. L-orħos kwotazzjoni kienet ta' (Ħ), fejn għalkemm l-istallazzjoni mhiex inkluża, kien hemm varjazzjoni enormi fil-prezz. Il-Kunsilliera qablu li jekk il-fornitur jista' jipprovdi l-ammont mitlub u ma jkunx hemm varjazzjoni kbira fil-prezz, tintgħażel il-kwotazzjoni (Ħ).

4. Soft Flooring tal-Parks - Kien hemm rikjesta għal seba' kwotazzjonijiet, fejn irrispondew erbgħa fornituri. Fornitur minnhom, ma għandiex il-kwantità li ntalbet u li mhijiex bi ħsieba tkompli tipprovdi dan il-prodott. Peress li t-tliet kwotazzjonijiet l-oħra jaqbżu l-€5,900.00, huwa talab lis-(SE,) biex tkellem lid-Dipartiment tal-Procurement, peress li hija priorità ta' health and safety, sabiex tiġi evitata li taqa' taħt tender, li jieħu fit-tul. (SC) issuġġerixxa li din il-kwistjoni tiġi diskussa internament u jiġi deċiż minn hemm.

5. Uniformi għas-Segretarju Eżekuttiv – (SE) spjegat dwar it-tliet kumpaniji tal-kwotazzjonijiet, fejn l-ewwel kwotazzjoni kienet l-iktar addatta u li kienu ser jinxtraw iktar uniformijiet għall-istaff tal-Kunsill. (SC) issuġġerixxa li tinġabar kwotazzjoni li tinkludi l-uniformijiet tal-persuni kollha, imbagħad jipproċedu minn hemm.

6. (SZ) staqsa dwar il-proċess tar-restawr tal-pittura u jekk il-Purchase Order, kintix ġiet ipproċċessata. (SE) irrispondiet li l-P.O għadha ma ħarġitx. Ġie deċiż li l-P.O tal-pittura għanda toħroġ, filwaqt, fir-rigward l-għamara tal-kappella, trid tgħaddi mis-sistema tal-ePPs. (SC) u (SZ) qablu li għandhom jagħmlu laqgħa bejniethom, biex jiddiskutuha.

## 45.05 Komunikazjoni mis-Sindku

45.05.01 (SC) ta' aġġornament rigward il-proġetti li għaddejjin, fil-preżent:

1. Dawret il-Qalb Imqaddsa – Infrustructure (Malta) bdew il-proġett tal-bdil tas-servizzi, re-enforcement u reservicing tat triq, min-naħa tal-binja tal-Kunsill sa Triq San Pawl. Hu spjega kif ser ikun qiegħed isir ir-road management waqt li x-xogħol ikun qiegħed għaddej, u li hu ppjanat li x-xogħol jitlesta sal-aħħar ta' Mejju, 2022.

2. Staqsa dwar il-possibiltà li ssir it-triq, bejn il-Qajjenza u San Ġorg. F' dan il-kuntest, qiegħed jistenna risposta mingħand IM.

3. Staqsa wkoll il-possibiltà li t-triq mad-dawra kollha tax-xatt, minn ħdejn il-bejjiegħ tat-tiġieġ, sal-ekx venda tal-karozzi tal-linja, issir ukoll mal-proġett. Fuq din it-talba, il-Kunsill ukoll qiegħed jistenna risposta mingħand IM.

4. Staqsa wkoll dwar il-Ġnien ta' San Ġorg fejn ma sarux ir-rampi li kellhom isiru. Hu ġie infurmat li r-rampi ser jsiru fil-jiem li ġejjin mill-kuntrattur li qed jaħdem f' Dawret il-Qalb Imqaddsa

5. Is-Sindku ta' rendikont tal-upgrade, fi Ġnien ta' San Ġorġ, fejn ukoll il-Kunsill qiegħed jistenna risposta mingħand IM.

6. (CS) ġie infurmat min-naħa tal-Primary Health Care, li ser jerġgħu jibdew jagħtu l-vaċċin tal-booster tal-Covid 19, mis-sala tal-Kunsill.

7. Fir-rigward il-Berġa tas-Saħħa, (CS) tkellem mas-CEO tal-Primary Health Care, fejn qalet li għandha tibgħat Expression of Interest, biex jinstab post privat.

8. Sar meeting mas-Social Services, fejn ġie infurmat li ser jestendu s-servizzi tagħhom fuq firxa ikbar u talbu biex jiġi provdut spazju ikbar, jew fis-sala tal-Kunsill jew x' imkien ieħor. Din ser tkun speċi ta' one-stop-shop, fejn ir-resident ikun jista' jinqeda b'aktar servizzi u f'aktar ħinijiet miżjuda. (JBD) staqsiet jekk humiex lesti li jħallsu l-kera. (SC) irrisponda li, jekk jiġi provdut spazju fis-sala tal-Kunsill, huma lesti li jħallsu biex jattrezzawha. (SE) sostniet li jekk dan isir, għandhom jingħataw priorità in-nies ta' Birżebbuġa.

9. Tħabbar is-servizz tas-Silver-T, fejn l-anzjani ta' età 'l fuq minn sittin (60) sena, li joqogħdu fil-komunità, ikunu jistgħu jċemplu biex jipprovdulhom trasport, ħalli jagħmlu l-qadi tagħhom. Diżgrazzjatament, qal (SC), sa issa dan is-servizz ħa jiġi provdut, fin-naħa ta' fuq ta' Malta.

10. Is-servizz tal-Bulky Refuse preżentament ġie sospiż għal ġimagħtejn, minħabba li l-kuntrattur qiegħed bi kwarantina.

11. (SC) informa li l-Ħamis li ġej, ser issir Press Conference tas-Shore to Ship Supply, fil-Freeport, li huwa bżonnjuż għall-kwalità tal-arja aħjar, għar-residenti. (SC) talab lill-kunsilliera għal-kummenti tagħhom rigward din il-materja.

## 45.06 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

45.06.01 Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 45.07 Approvazzjoni tal-Performance Appraisal tal-iskrivani/ Segretarju Eżekuttiv u d-Deputat, Segretarju Eżekuttiv

45.07.01 (SC) ippropoma li dan il-punt fuq l-Aġenda jinqabeż u jiġi diskuss waqt is-seduta li jmiss, dik tax-xahar ta' Frar, filwaqt li (SZ) issekonda. (SE) oġġezzjonat li ġaladarba s-Seduta qiegħda sseħħ u hawn quorum, dan il-punt, bl-ebda mod ma jista' jinqabeż, aktar u aktar li s-seduta ser tkompli, bil-punti l-oħra, fuq l-Agenda. Dan huwa ksur tal-liġi u bl-ebda mod ma jista' jsir. Madankollu, il-membri preżenti ma qablux ma dan u insistew li l- approvazzjoni ser issir fis-seduta li jmiss. (SE) ġibdet l-attenzjoni li ser tkun qed tirreferi din id-deċiżjoni, lid-Department tal-Gvern Lokali.

## 45.08 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

45.08.01 (SE) ikkonfermat dwar l-iskala tal-iskrivana li ilha taħdem mal-Kunsill, fuq bażi part-time, għal dawn l-aħħar tmien snin, sabiex minn skala (15) titla' għal skala (13). (SE) qalet din titla' awtomatikalment. Fuq dan il-punt, ma kienx hemm oġġezzjonijiet u għaldaqstant, ġiet approvata min-naħa tal-kunsilliera, preżenti.

45.08.02 (SE) avvżat li l-accountant tal-Kunsill ma setatx tgħaddilna r-rapport finali tas-sena 2021, minħabba li kienet għadha qed taħdem fuqu. Dan ser ikun qiegħed jiġi ppreżentat u spjegat, waqt is-seduta ta' Frar, 2022.

45.08.03 (SE) infurmat li fis-sena 2018, il-Kunsill kien irċieva s-somma ta' €30,000.00, fuq proġett kapitali, marbut mad-dawl fil-Bajja s-Sabiħa. (SE) fakkret lil Kunsill fuq dan il-proġett, minħabba s-somma li rċieva.

*Il-kunsilliera Doriana Portelli daħlet tipparteċipa fil-laqgħa, fis-sitta u nofs nieqes ħamsa ta' waranofsinhar. Hija kienet avvżat lis-(SE), li ser tidħol tard, minħabba raġunijiet ta' xogħol.*

45.08.04 (SE) infurmat li s-somma ta' €17,000.00, marbuta mas-sistema tal-irrigazzjoni, fi Ġnien Indipendenza, baqgħet ma saritx kif kien stipulat, sal-aħħar tal-2021. Għaldaqstant, (SE) spjegat, kif minn ħin għall-ieħor, din is-somma trid tiġi rimborsjata lura, lid-Department tal-Gvern Lokali. (SZ) ikkonferma li dan ix-xogħol ser ikun qiegħed issir min-naħa ta' Parks (Malta).

45.08.05 (SE) fakkret ukoll fis-somma ta'€2,616.00, għal skema marbuta mal-librerija pubblika, li l-Kunsill kien irċieva lura fis-sena 2019, u li baqgħet ma saritx.

45.08.06 (SE) ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku, fil-preżenza tal-Kunsillieri, fir-rigward is-somma ta' €123,204.16, marbuta ma' Triq Il-Brolli. Dan wara, li riċentament l-uffiċċju ġie avviċinat, sabiex din is-somma tiġi rimborsjata lura, minħabba dokumentazzjoni nieqsa u nuqqas ta' attendenza mad-Direttur Ġenerali (ARPA).

45.08.07 (SE) staqsiet lil kunsilliera fir-rigward tal-ħlas ta' €1,652.00 marbut mal-mobile toilet li nsteraq, f' Diċembru, 2019, miż-żona ta' San Ġorġ. (SC) staqsa jekk il-ħlas kienx biss għal-kirja tat-toilet jew għaliex insteraq. (SE) qalet li meta sar il-każ, hi kienet bil-leave u

għaldaqstant trid tiċċekja eżatt, għal xix qiegħed jintalab, dan il-pagament. (SC) talab lis-(SE) biex tikkonferma eżatt jekk il-ħlas kienx għas-servizz jew inkella għax insteraq it-toilet.

45.08.08 (SE) reġgħet avvżat rigward €973.00 marbut mal-kont tal-ARMS u li din il-problema ilha tkaxkar għal żmien twil u għadha ma ssolvitx. Kompliet tfakkar li aktar mhu qed jgħaddi ż-żmien, aktar il-Kunsill qiegħed jiġi intaxxat.

45.08.09 (SE) staqsiet rigward il-każ tal-ftehim kunġunt mal-Kunsill taż-Żurrieq. (SC) informa li għanda ssir laqgħa, u mill-informazzjoni li għandu, jidher li l-Kunsill tagħna kien qabbad accountant biex jivverifika ta' min huma l-fondi u fejn irridu jmorru. Irriżulta li kienu dovutu lil Kunsill ta' Birżebbuġa. Għaldaqstant, għanda ssir laqgħa mal-Kunsill taż-Żurrieq, biex jiġu ċċarati l-affarijiet.

45.08.10 (SE) staqsiet jekk il-performance appraisal tal-persuna li hija mislufa lil Kunsill mil-RSSL, hux ser tiġi diskussa il-Performance Appraisal tiegħu. (SC) ikkonferma li din, bħal ta' kulħadd, ser tiġi diskussa, waqt is-seduta ta' Frar.

45.08.11 (SC) informa li għandu mnejn iħabbar għal-laqgħa mal-kunsilliera, biex jiġu diskussi l-Performance Appraisals. (SE) fakkret li din ma tistax issir, għaliex mhix ikkunsidrata bħala laqgħa t' urġenza, filwaqt li d-diskussjoni trid tkun Minuted and Recorded.

## 45.09 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

45.09.01 (JBD) talbet informazzjoni dwar il-linji ta' Triq FM Ferretti. (SZ) qal li jekk il-linji jinqelbu, ser jintilfu erba' parkeġġi. (SC) talab lil (SZ), biex jagħmel pjanta biex tittieħed deċiżjoni.

45.09.02 (JBD) staqsiet rigard il-Communial Parking, fi Triq San Ġorġ. (SZ) qal li hu għamel pjanta taż-żona, imma qed jistenna d-drawings, qabel ma jinbdew jinżebgħu l-linji.

45.09.03 (JBD) staqsiet dwar il-lampa ta' Triq 31 ta' Marzu li qed toħloq inkonvinjent lir-resident. (SZ) qal li hemm kwotazzjoni biex issiru set ta' arbli mad-dawra kollha ta' barra, u minħabba li hemm il-konferma li mhix parti mill-proġett tal-Gvern Ċentrali, irridu nkellmu lil kuntrattur, biex jibda dan ix-xogħol.

45.09.04 (SZ) informa li tlesta d-dawl tal-parkeġġ ta' Wied Il-Buni, Arturu Issel u tal-Papa.

45.09.05 (JBD) staqsiet lis-(SE) rigward jekk kienx hemm risposta fuq id-drenaġġ ta' Bengħisa. (SE) qalet li talbet b'emajl lid-Dipartiment tas-Sanità, imma għad ma rċevietx risposta. Ġie diskuss bejn (SZ) u (AC) għal liema parti hemm bżonn li ssir is-sistema tad-drenaġġ, fejn (AC) offra li jitkellem ma' (SC), jimmarka fuq site plan fejn irrid jiġi provdut id-drenaġġ u jipproċedu minn hemm.

45.09.06 (JBD) staqsiet kif baqgħet is-sitwazzjoni tal-bank, ħdejn il-piċċ tal-waterpolo. (SE) irrispondiet li meta din il-materja ġiet diskussa fil-laqgħa preċidenti, ma kinitx intalbet biex tkellem lis-sid tar-restaurant. (JBD) qalet li dan il-bank sar mis-sid tar-restaurant f'żona

pubblika u li issa jinsab fi stat ħażin u spiċċa eye-sore. (SE) qalet li ser tikteb lis-sid tar-restaurant, biex jieħu ħsieb jagħmel il-manutenzjoni, meħtieġa.

45.09.07 (SZ) informa li saru r-road humps tal-barrier tax-xatt. Informa wkoll li l-Perita bagħtet ammont ta' pjanti ta' zebra crossings u road humps, li wħud minnhom iridu xi korrezzjonijiet u definizzjonijiet, għax ma setatx tallokalizzahom. Huwa qal ukoll li fejn hemm ir-rubber humps, jistgħu jibdew jiġu installati.

45.09.08 (SZ) semma' l-pjan tas-sistema tal-one way, fil-Qajjenza, fejn qal li għadhom ma ġewx diskussi u talab lil (SC) biex issir laqgħa. Hu sostna wkoll li għandhom jitolbu wkoll il-parir ta' Transport Malta.

45.09.09 (SZ) irrimarka fuq parti minn Triq In-Noqra, viċin is-sentina, fejn kienet inqalet biċċa biex jingħadda cable għal razzett ġdid, u tħalliet imħarrbta. (SC) avvża li Infrastructure (Malta) qegħdin jaħdmu fuqa u (AC), ikkonferma dan.

45.09.10 (SZ) tkellem ukoll fuq Triq Belle Isle, fejn bix-xita u l-maltemp, żviluppaw ħofor kbar u staqsa jekk jistax isir xi patching. (SC) informa li ġie ordnat il-patching mal-PWS għal din it-triq u li probabbli ser isir il-ġimgħa ta' wara.

45.09.11 (SZ) irrimarka fuq l-isfrundar f'partijiet mit-Triq Il-Port Ħieles, viċin il-flattijiet tal-Gvern u talab biex titniżżel mal-lista ta' IM, peress li l-iżvilupp tal-bini f'dik iż-żona, issa naqas ħafna. (SC) talab lil (AC) biex jitkellem ma' IM fuq dan ix-xogħol.

45.09.12 (SZ) irrimarka dwar il-biċċa ż-żgħira ta' Triq G Despott, li ma kinitx saret, minħabba li kien hemm biċċa li riedet tinbena u li issa nbiet u qed jabitaw fiha n-nies. Hu staqsa jekk tistax isir min-naħa tal-Kunsill jew minn TM. (SC) talab lil (AC) biex jiċċekja mal-Perita, biex jaraw jekk hux vijabbli li ssir mill-Kunsill jew inkella ssir talba lil IM. (SZ) u (AC) qablu li ssir laqgħa mal-Perita, rigward dan ix-xogħol.

45.09.13 (SE) infurmat li skont id-DLG, biex tagħmel il-Fund Transfer Form, għall-ħlas tal-pre-financing, ġiet mitluba dikjarazzjoni mil-Perita, li ma hemmx bżonn permess tal-Awtorità tal-Ippjannar. (SE) tkellmet mal-Perita, fejn ġiet infurmata li hemm diġà permess li jkopri ħames snin, u li nħareġ fl-2018, u għaldaqstant għadu validu. (SE) talbet lil (SZ) biex issir laqgħa fuq il-post tal-Ġnien Tal-Papa, bil-presenza ta' (SZ), il-Perita, u l-awarded bidder, flimkien mal-Perit tal-istess kumpanija.

45.09.14 (CS) staqsa jekk iż-żewġ blokok tal-konkos li ntefgħu fil-parkeġġ ta' ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachov, tpoġġewx min-naħa tal-Kunsill. (SC) wieġeb li dawn tpoġġew hemm mill-kuntrattur, biex jingħalaq l-aċċess, minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin, f' Dawret il-Qalb Imqaddsa. (CS) rrimarka li minħabba f'hekk, ipparkjaw xi caravans li okkuppaw il-parkeġġ kollu. (SZ) qabel mal-argument ta' (CS), u (SC) min-naħa tiegħu qal li ser ikellem lil kuntrattur, biex jitneħħew minn hemm.

45.09.15 (SC) talab lil (AC) biex jagħmel follow-up fuq il-bus shelters li tħallew nofs xogħol.

45.09.16 (SZ) staqsa jekk sarx xi ħaġa fuq iż żewġ bus shelters ta' fejn l-ETC u l-Laboratorju tal-Paċi, li kien talab fis-seduta preċidenti.

## 45.10 Proġetti u skemi

45.10.01 (DP) rrimarkat rigward li kien hemm ilmenti fuq il-bandli tal-Bajja s-Sabiħa, u li dan kellu jiddawwar b' fencing. (SC) infurmaha li l-fencing huwa ordnat u l-kumplament tas-soft flooring irid jinbidel, filwaqt skont il-kwotazzjonijiet li ġabar l-uffiċċju, il-prezz jaqa' taħt il-proċess ta' tender. Hu qal li għandu jitkellem mas-(SE), biex jiġi stabbilit il-mod ta' kif l-aħjar li nipproċedu.

45.10.02 (DP) staqsiet dwar id-dog park li kien ġie propost ġo żona, iżda ma sarx, minħabba li r-residenti tal-madwar, oġġezzjonaw. (DP) staqsiet lis-sindku, jekk id-dog park, għadux fil-ħsieb li jsir. (SC) infurmaha li kien sar kommunikazzjoni mal-Ministeru tal-Enerġija, sabiex jiġi inkluż, bħala parti mill-Park ta' Bengħisa, imma għad irid isir follow-up fuq dan.

45.10.03 (DP) staqsiet rigward il-proposta ta' Tennis Court, ġewwa l-lokalità. (CS) rrisponda li meta kien hemm il-proponiment tal-Park ta' Bengħisa, hu kien talab li jinkluduh, ukoll. (SC) talab biex tinbagħatlu korrispondenza, ħalli jagħmel follow-up fuq din il-proposta.

45.10.04 (SE) informat fuq emajl urġenti li kien hemm mill-AKL fuq il-Planning Development Fund. (SC) qal li ser ikun qiegħed jikkordina kollox mal-iskrivan, mill-uffiċċju, li bażikalment ir-risposta min-naħa tal-Kunsill, kienet ser tkun 'NIL'.

## 45.11 Indafa u ambjent

45.11.01 (SZ) propona li jsir servizz ta' tindif, fuq il-kulverts li għandhom x'jaqsmu maż-żona ta' Triq Il-Port Ħieles, Gurgħier,..... *eċċ*. (SC) informa li l-foreman ħa ħsieb li jitnaddfu l-culverts tad-dawra tax-xatt, u sostna li jkun aktar għaqli li dan it-tip ta' tindif isir min-naħa tal-kuntrattur, li hu mħallas għal dan ix-xogħol, u mhux mil-ħaddiema tagħna.

45.11.02 (JBD) staqsiet dwar il-ħajt tal-Papa. (SC) rrisponda li ma rċieva xejn u ser jistaqsi lil Public Works, għall-aġġornament.

## 45.12 Attivitajiet

45.12.01 (JBD) sostniet li l-pjanijiet għall-attivitajiet huma hemm, imma minħabba l-pandemija hemm ċerti restrizzjonijiet. Hi qalet li qiegħda taħdem fuq Jum Birżebbuġa, biex forsi jiġu allokati xi fondi.

## 45.13 Kultura, żgħażagħ u sport

45.13.01 (JBD) minħabba l-pandemija, informat li d-DLG ħareġ talba għal applikazzjonijiet. (JBD) ħarġet b 'idea li f'Jum Birżerbbuġa, l-ewwel siegħa tkun iddedikata għat-talent lokali,

fejn għandu x'jaqsam ma' kant u mużika, u jintuża t-trofew ta' dik il-figura tal-mara li hemm, il-Kunsill. (SC) propona li b'dan il-mod, ikunu nistgħu napplikaw għal fondi li jaqgħu taħt il-kultura. Il-Kunsilliera li kienu qed jipparteċipaw, qablu ma' din il-proposta.

45.13.02 (SC) qal li avviċinatu l-Għaqda tal-Armar ta' bejn iż-żewġ każini tal-banda, u li ħarġu b'idea li fir-roundabout tad-dħul għal-Birżebbuġa, jibdew jarmgħu tiżjin relatati mal-ħafna avvenimenti li jsiru matul is-sena, bħal Karnival, Halloween, Valentine's day, Mother's u Father's day, ..... *eċċ*. Hu xtaq li jinħoloq fond għal dan il-għan. Din l-Għaqda ssuġġeriet ukoll, li għandhom ħbieb li jistgħu jisilfuhom karru dekorattiv, u li hu relatat mal-baħar u li jixtiequ jużawh bħala tiżjien tal-Karnival.

45.13.03 (SC) ġie infurmat mill-Għaqda tar-Regatta, li ħa jkollhom major competition fi Frar, u li jridu jagħmlu użu mill-parkeġġ tas-Sailing Club. (SE) qalet li rċeviet emajl, fejn is-Sailing Club talbu għal xi spazji ta' parkeġġ. (CS) vverifika li huma talbu biex il-parkeġġ ta' quddiem is-Sailing Club ikun kollu vakanti għalihom. (SC) qal li (SZ) irrisponda li jingħata żona ta' parkeġġ wieħed, imbagħad jingaġġaw uffiċjal tas-sigurtà, biex jitulizawh, kif jixtiequ.

45.13.04 (CS) qal li fil-Basketball Court fil-Bajja s-Sabiħa, għad fadal ix-xogħol xi jsir, imma diġà beda jintuża'. Huwa ssuġġerixxa li jitwaħħlu xi branding għall-Kunsill, maċ-ċnut fejn hemm diġà ta' Sport Malta u li jistgħu jservu bħala reklam għall-Kunsill. Huwa staqsa wkoll fix waslet it-talba li kien għamel għall-ordni tal-bankijiet, bħal dressing room benches. Staqsa wkoll jekk itteħditx deċiżjoni jekk hux ħa jsir dawl, u rrimarka dwar il-problema tal-qlieb tal-ilma.

45.13.05 (CS) ġie kkuntatjat minn Atletics Malta dwar il-5K run. Hu avvża lill-organizzaturi, li Industrial Park (INDIS), hija responsabbli minn dik iż-żona, u li huwa diffiċli li tingħalaq kull entrattura għal 5K run. Huwa ssuġġerixxilhom li jitkellmu mal-persuni responsabbli mit-trakka tal-kwart ta' mil.

45.13.06 (SC) staqsa lil (CS) jekk kienx hemm xi risposta mingħand l-AOC. (CS) qal li min-naħa tagħna kien hemm nominazzjoni b'saħħita, imma għad m'hemmx data minħabba l-mod kif għaddejjin l-affarijiet.

## 45.14 Materji oħra, li mhumiex imsemmija hawn fuq

45.14.01 (JBD) staqsiet dwar iż-żebra crossing ta' ħdejn iż-żona ta' San Ġorġ. (AC) informaha li ser isir aktar 'l fuq, quddiem il-Kunsill, biex ma tkunx mad-dawra. (AC) informa wkoll li fejn il-bring-in-site ta' ħdejn ix-Shell, hemm taraġ b'żewġ naħat u li saret applikazzjoni biex naħa minnhom issir rampa. Huwa qal ukoll li jekk issir żebra crossing, persuna tkun tista' taqsam u tinżel għal ħdejn il-baħar. (SC) talab lil (AC) u (SZ) biex jagħmlu pjanta minħabba li jrid javża lill-kuntrattur, minħabba il-belisha lights.

## 45.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.15.01 (SE) Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta (46) ser issir, nhar it-Tnejn, 7 ta' Frar, 2022, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Deċiżjoni tal-post, ttieħed skont kif tkun is-sitwazzjoni tal-pandemija, f' dak iż-żmien.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| __________________________ | __________________________ |
| Scott Camilleri<br>Sindku | Rosalie Mintoff<br>Segretarju Eżekuttiv |